MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 803/1994/2

**Markiza Agnese Gera de Petri**

**Vs**

**Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali u Edwige Grasso**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi d-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali kien b'ordni ta' rekwisizzjoni numru 34608 mahrug fit-2 ta' Mejju 1975,, irrikwisizzjona u ha l-pussess ta' l-appartament numru erbgha (4) fil-korp ta' bini numru 46 St. Christopher Street, Valletta;

Premess illi sussegwentement il-konvenut Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali kien akkomoda fl-istess fond lill-konvenuta;

Premess illi dan l-appartament, flimkien ma' appartamenti ohra kien gie dekontrollat b'ordni ta' dekontroll numru 27628/91 mahrug fis-17 ta' Jannar 1991;

Premess illi sussegwentement il-konvenut Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali kien idderekwisizzjona dan il-fond b'ordni ta' derekwisizzjoni mahrug fis-16 ta' April 1991;

Premess illi dan il-fond ghadu sal-lum okkupat mill-konvenuta Edwige Grasso;

Premess illi ghalhekk il-konvenut Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali naqas li jikkonsenja l-fond lura lill-attrici kif kien marbut fil-ligi;

Premess illi l-attrici hija proprjetarja tal-fuq imsemmi appartament u qieghda ssofri danni minhabba bil-kontinwata okkupazzjoni tal-fond qiegheda tigi privata mill-uzu tieghu;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti, flimkien jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici bil-kontinwata okkupazzjoni ta' l-appartament fuq imsemmi;

2. Tillikwida l-istess danni okkorrendo b'opera ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta lid-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali tal-5 ta' Mejju, 1994;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Edwige Grasso illi permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi l-azzjoni attrici hija illecita u illegali ghaliex l-attrici diga` ippromuoviet kawza bl-istess skop u kawsali bhal dik odjerna, li ghadha pendenti quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati ta’ Malta;

2. Minghajr pregudizzju, li l-azzjoni attrici hija intempestiva ghaliex il-pretensjoni attrici hija bazata fuq pretest ta’ dekontroll tal-fond indikat fic-citazzjoni u l-validita` ta’ dan id-dekontroll hija opposta mill-awtorita` governattiva, u l-pendenza gudizzjarja tinsab quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell;

3. Minghajr pregudizzju, li l-azzjoni attrici hija legalment insostenibbli ghaliex l-eccipjenti ghandha dritt kwesit a rigward tal-lokazzjoni tal-fond;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi hemm proceduri pendenti fil-Qorti ta’ l-Appell li jincidu fuq il-pretensjonijiet ta’ l-attrici fis-sens li l-eccipjent qed jimpunja ic-certifikat tad-Dekontroll relattiv ghal fond *de quo*, u ghalhekk il-kawza odjerna hija intempestiva;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-28 ta’ April 1995 li permezz tieghu gie nominat AIC Frederick Doublet bhala espert tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi espert tekniku li tinsab a fol. 183 *et sequitur* tal-process u li minnhom debitament konfermata fl-udjenza tal-5 ta’ Ottubru 1999;

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Marzu 2000 fejn *inter alia* l-konvenuta Edwige Grasso giet awtorizzata tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri wara talba appozita mill-istess konvenuta;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Edwige Grasso li fiha hija eccepiet:-

1. Illi issa rrizulta li l-attrici intbaghtitilha ittra ufficjali biex tirrikonoxxi lill-eccipjenti bhala inkwilina tal-fond lilha allokat mill-Housing Department, u din it-talba tavvera ruhha *ope legis,* indipendentement lil min l-eccipjenti tibqa’ thallas il-kera, ammennocche` ir-ricevitur ta’ dik l-ittra ufficjali ma jippromovix citazzjoni *ad hoc* biex jaghti ragunijiet li ma jirrikonoxxix lill-inkwilin, u dik l-azzjoni jkollha ezitu pozittiv;

2. Illi meta giet ritirata jew annullata ir-*requisition order di fronte* ta’ l-attrici proprjetarja, dana kien att *inter alios acta* u ghalhekk ma setax jippregudika id-drittijiet ta’ l-eccipjenti;

3. Illi bhala konsegwenza ta’ l-eccezzjoni precedenti, l-eccipjenti kienet fil-pussess tal-fond u kellha d-dritt li tibqa’ tokkupah bhala inkwilina, ghaliex dik l-okkupazzjoni ma kienetx indebita;

4. Illi l-permessi tad-*decontrol* saru u gew ottenuti illegalment u bi frodi da parti ta’ l-attrici, billi d-domandi relattiv gew iffirmati minn impjegata ta’ l-istess Dipartiment

governattiv li kien investit bil-proceduri tad-Dekontroll, u l-appartament okkupat mill-ecceipjenti ma kienx lest ghall-okkupazzjoni kif dikjarat fit-talba ghad-*decontrol*, ghaliex kien ilu jigi okkupat ghal hafna snin, kif kellu jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghal dan il-fini l-eccipjenti, fl-eventwalita li din l-Onorabbli Qorti ma tkunx ikkonsidrat din l-eccezzjoni, l-istess eccipjenta tkun pronta li tintavola c-citazzjoni opportuna biex il-kaz jigi ezaminat gudizjarjament;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta Grasso u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat ir-risposti bil-miktub ta’ l-espert tekniku li jinsabu a fol. 305 *et sequitur* tal-process, kif ukoll ir-risposti in eskussjoni ta’ l-istess espert moghtija fl-Udjenza ta’ l-24 ta’ Marzu, 2000;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-kawza proposta mill-attrici hi diretta ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni illi l-kontinwata okkupazzjoni ta' l-appartament numru erbgha (4) fil-korp ta' bini numru 46, St. Christopher Street, Valletta kien arrekalha dannu;

Ghall-ahjar istruzzjoni tal-materja jkun opportun jekk jigu sintetizzati dawn il-fatt:-

I. Il-fond *de quo* jidher li kien ilu okkupat ghal diversi snin u in effetti fit-23 ta' Jannar 1950 il-Bord li Jirregola l-Kera kien iffissa l-kera xieraq tieghu fl-ammont ta' tnejn u hamsin lira Maltija (Lm52) fis-sena (Sentenza esebita a fol. 223);

II. Fit-2 ta' Mejju 1975 il-post gie rekwizizzjonat (RO 34608) mill-allura Dipartiment tad-Djar u r-Requisition

Order giet servuta fuq l-inkwilin Gabriel Fenech Azzopardi, li kkonsenja  c-cwievet lid-Dipartiment fis-17 ta' Dicembru 1975;

III. Fid-9 ta' Frar 1976 l-appartament inkera lil certu Paul Cremona u fit-3 ta' April 1980 inharget "*no objection*" biex isir skambju bejn dan il-kerrej u l-konvenuta Edwige Grasso.  Dan sehh fid-29 ta' April 1980. Ara deposizzjoni ta' Noel Borg, fol. 264 tal-process;

IV. Fis-26 ta' Jannar 1989 l-attrici   applikat biex tiddekontrolla dan il-post u l-appartamenti l-ohra fl-imsemmi blokk ta' bini (fol. 231) u fis-17 ta' Jannar 1991 inhareg Certifikat ta' Dekontroll mill-Land Valuation Officer (fol. 217);

V. Konfrontat bil-fatt tad-dekontroll id-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali hareg "*derequisition*" fis-16 ta' April 1991 (fol. 219);

VI. Jirrizulta li fit-23 ta' Mejju 1991 d-Dipartiment alloka post iehor lill-konvenuta Edwige Grasso pero` c-cwievet ma dahlux fid-Dipartiment.  Ara xhieda ta' Noel Borg fis-seduta tas-7 ta' Lulju 1997, fol. 265;

VII. Din l-istanza giet intavolata fl-10 ta' Gunju 1994. Fit-28 ta' Ottubru 1994 b'sentenza ta’ Qorti ohra l-imsemmija konvenuta giet ordnata tizgombra mill-fond. Dan l-izgumbrament sehh in forza ta' Mandat ta' Zgumbrament Numru 98/95 (deposizzjoni ta' Alfred Gera de Petri fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu 1996, fol. 258) u c-cwievet konsenjati lill-attrici tramite il-Marixxal f'Marzu/April 1995 (deposizzjoni ta' l-istess xhud, seduta tas-7 ta' Lulju 1997, fol. 266);

VIII. Jirrizulta li saru proceduri mill-konvenut Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u okkupanti ta' appartamenti ohra biex jinficjaw il-validita` tad-Dekontroll.  Dan fuq il-premessa illi tali dekontroll inhareg fuq taghrif erroneu u falz.  Kopji tad-diversi proceduri gew esebiti fl-atti mill-attrici.   Minnhom jirrizulta li l-validita` tad-dekontroll baqghet inattakkata;

Dawn huma in succint il-provi f'din l-istanza. Il-materja giet esageratament komplikata b'diversi rikorsi li, *inter alia*, jistghu jigu hekk ri-epilogati:-

(a) B'rikors tal-25 ta' Marzu 1998 a fol. 132 tal-process saret talba mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali biex qabel il-likwidazzjoni tad-danni jigi l-ewwel determinat u deciz jekk id-dekontroll huwiex inezistenti fit-termini ta' l-Artikolu 6(3) tal-Kap. 158;

(b) B'rikors iehor ta' l-istess Direttur ipprezentat fit-12 ta' Mejju 1999 (fol. 143) tqajjem il-punt illi hu ma setax jigi azzjonat ghad-danni talli naqas li jizgombra lill- konvenuta Grasso wara d-*decontrol* tal-fond ghax kieku ghamel dan kien ikun qed jikser id-drittijiet fundamentali taghha sanciti fl- Artikoli 38 u 45 tal-Kostituzzjoni oltre l-Artkoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni. Huwa jispjega fit-trattazzjoni tieghu a fol. 164 tal-process illi l-interess tieghu fuq din il-kwistjoni hu wiehed dirett "ghax qed jigi allegat illi ahna ghamilna xi haga illegali u qed jigu mitluba danni minn ghandna.";

(c) Sar ukoll rikors fl-4 ta' Ottubru 1999 (fol. 278) mill-istes Direttur, li mal-kontenut tieghu qablet il-konvenuta Grasso (fol. 288), ghall-isfilz tar-rapport peritali. Kif ukoll rikors iehor minn din il-konvenuta intavolat fl-10 ta' Novembru 1999 ghal prezentata ta' eccezzjonijiet ulterjuri (fol. 293). Dawn iz-zewg rikorsi gew definiti minn dina l-Qorti, diversament presjeduta, fl-24 ta' Marzu 2000 (fol. 315);

Ghad-determinazzjoni tal-kwistjonijiet sollevati fl-ewwel zewg rikorsi fuq accennati jghoddu r-risposti ghalihom moghtija mill-attrici (fol. 135 u fol. 150);

Dan fit-termini illi fl-ewwel lok l--azzjoni proposta hi wahda ghall-hlas ta' danni derivanti minn okkupazzjoni minghajr titolu u mhux ghal zgumbrament, li f'kull kaz kien gja sehh fl-1995. L-attrici ghandha wkoll dritt fondamentali li tigi kompensata adegwatament ghall-uzu tal-proprjeta` taghha;

Kwantu ghall-attakk fuq il-validita` tad-dekontroll, l-impunjattiva tieghu ma setghatx titqajjem f'din il-kawza, anke ghaliex il-konvenuta Grasso kienet gja giet zgumbrata;

Fuq dan l-ahhar punt ukoll tajjeb li jigi ribadit dak li hu ormaj pacifiku fil-gurisprudenza taghna, jigifieri meta att irid jigi annullat, imhassar u mwaqqa' ghal xi raguni mil-ligi stabbilita dan jehtieg li jkun dedott b'azzjoni separata u mhux in via ta' eccezzjoni (**Vol. XXVII P II p 262; Vol. XXIX P I p 452, P II p 1090; Vol. XLIX P I p 406**);

F'kull kaz ukoll l-kwistjoni tal-validita` o meno tad-dekontroll kienet gja giet ezaminata mill-Qorti fi proceduri ohra u definittivament aggudikat fis-sentenza tal-21 ta' April 1994 (kopja taghha a fol. 18). Minnha l-konvenut Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u d-Direttur tar-Registru Pubbliku kienu appellaw pero` aktar tard cedew l-appell fis-7 ta' Ottubru 1994 (fol. 17);

Is-soluzzjoni tal-vertenza ghalhekk ma kelliex tkun fil-fehma ta' din il-Qorti daqstant kumplikata b'aspetti li fil-verita` jmoru 'l hinn mill-materja *de quo agitur*. Dak li hu fil-fatt importanti hu l-aspett singolari konsegwit bid-de-rekwizizzjoni tal-fond u l-jedd ta' l-attrici li tigi kompensata ghal dak li fit-terminu tac-citazzjoni, essenzjalment l-ewwel domanda attrici, hu artikolat bil-kliem "<u>kontinwata okkupazzjoni ta' l-appartament</u>";

Issa hu principju guridiku ben affermat illi "r-rekwizizzjoni ta' fond ghandha bhala effett li tispossessa lis-sid rekwizizzjonat b'mod li minn mindu ssir u sakemm tibqa' ssehh ir-rekwizizzjoni, il-pussess tal-fond u d-disponibilita` tieghu ma humiex aktar f'idejh, izda f'idejn l-amministrazzjoni li rrekwizizzjonat il-fond, u allura s-sid *pro tempore* ma ghandux l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond ... "; ("**Assunta Cassar -vs- Avv. Dr. Carmelo Zammit noe**", Appell Civili, 29 ta' Mejju 1959);

Tali ostakolu tnehha bil-fatt tad-de-rekwizizzjoni tal-fond u d-drittijiet tas-sid saru liberament ezercibbli ("**George**

**Zahra -vs- Carmelo Chircop et**", Appell Civili, 8 ta' Frar 1960). U billi r-rapport li jinholoq bejn id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali (fil-passat maghruf bhala s-Segretarju tad-Djar) u l-persuna akkomodata ma huwiex rapport ta' lokazzjoni vera u proprja izda rapport *sui generis* regolat mill-Housing Act u d-disposizzjonijiet amministrattivi applikabbli ("**Maggur Charles Vella -vs- Henry Brincat**", Appell Civili, 23 ta' Mejju 1969; "**Paolo Casha -vs- Giuseppi Meli**", Appell, Sede Inferjuri, 6 ta' Marzu 1974), l-attrici setghet tipprocedi kontra l-okkupanta, kif fil-fatt ghamlet bl-azzjoni ghall-izgumbrament fil-konfront tal-konvenuta Edwige Grasso;

Dan ifisser illi anke jekk kellu jigi accettat dak sollevat minn din il-konvenuta fl-ewwel eccezzjoni ulterjuri taghha - fatt dan li ma giex pruvat minha anke ghaliex mill-atti ma jirrizultax li l-attrici qatt giet notifikata b'xi ittra ufficjali, li invece jirrizulta li ntbaghtet lil Markiz Lino Testaferrata Bonici li kkonferma li ma kienx is-sid - din l-ittra ufficjali u l-proceduri mahsuba mil-ligi li kellu jaghmel is-sid skond l-Artikolu 8(2) tal-Housing Act (Kap. 125) ma jinnewtralizzawx u ma jhassrux il-gudikat ottenut fil-konfront taghha. L-istabilita` ta' dan il-gudikat ma jistax issa jigi eluz u l-ebda trovatura anke l-aktar wahda assodanti ma tista' issa tissovverti s-sentenza li ordnat l-izgumbrament taghha;

Dan stabbilit l-attrici pprosegwiet il-perkors taghha b'talba ghal danni dovuti ghall-okkupazzjoni tal-fond fiz-zmien meta l-konvenuta Grasso ma setghetx ghal tali okkupazzjoni tivvanta titolu validu fil-ligi;

Il-“*punctum temporis”* tal-"kontinwata okkupazzjoni" jaf il-bidu tieghu meta l-appartament gie de-rekwizizzjonat fis-16 ta' April 1991. Li jfisser allura illi minn dan il-jum 'il quddiem il-fond ma baqax fil-pussess u disponibilita` tal-konvenut Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u s-sid setghet liberament tipprocedi biex tiehu ri-pussess ta' hwejjigha;

Din il-Qorti pero` ma taqbilx mal-mod tal-kumpens stabbilit mill-perit relatur. Dan in kwantu ghall-kalkolu taz-zmien li

fuqu kkomputa l-likwidazzjoni ghall-okkupazzjoni. Kif lanqas ma taqbel mal-likwidazzjoni tal-hsarat materjali fil-fond. Dawn ma kienux mitluba u l-ebda domanda jew provi ma tressqu fir-rigward. Il-fatt li dawn il-hsarat u nuqqas ta' manutenzjoni gew indikati lilu mill-attrici waqt l-access ma jfissirx illi, imbaghad, il-perit tekniku kien obbligat jikkonsidrahom. Dan aktar u aktar fid-dawl ta' dak verbalizzat proprju fl-ewwel seduta tenuta fis-26 ta' Ottubru 1995 (fol. 256) fejn *expressis* jinghad li "il-partijiet qablu illi l-Perit tekniku ghandu jaghmel access fil-fond *de quo* halli jaghmel stima tal-valur lokatizju". Kuntrarjament ghalhekk ghal dak argomentat mill-attrici fir-Risposta taghha (fol. 282) ghar-rikors ghall-isfilz mitlub mid-Direttur konvenut din il-parti tal-likwidazzjoni ma taqax fl-ambitu tad-danni kif formulati minnha. Dan ghaliex id-danni mitluba ghandhom jitqiesu biss mill-ottika ta' kumpens ghall-okkupazzjoni, u mhux bhala xi rizarciment ghal danni fizici u materjali fil-fond;

Kif gja rilevat ukoll il-perit relatur ma kellux jikkomputa l-valur lokatizju fuq firxa ta' tmien (8) snin meta l-provi kellhom invece iwassluh ghall-aritmetika stabbilita fuq firxa ta' erba' (4) snin. Jigifieri minn April 1991 (sena li fiha harget id-de-requisition) sa April 1995 (sena li fiha c-cwievet gew f'idejn l-attrici konsegwenti ghal Mandat ta' Zgumbrament);

Ukoll lanqas ma kien logiku illi jigi kalkolat il-valur lokatizju kummercjali tal-fond. Il-fond kien minn dejjem adebit bhala wiehed residenzjali. U filwaqt li hu gust li jigi injorat il-valur lokatizju tieghu minn kif stabbilit fl-1950 mill-Bord li Jirregola l-Kera, anke ghar-raguni illi l-fond gie dekontrollat fl-1991, minn naha l-ohra wiehed ma jistax jibbaza r-ragjonament fuq l-ipotesi tal-kummercjalita tal-fond. Kwalsiasi argoment fis-sens illi kieku l-attrici rreprendiet il-fond fl-1991 hi setghet tisfruttah b'mod kummercjali u aktar vantaggjuz ekonomikament tibqa' biss ipotesi li ma hiex rispekkjata u sostenuta minn ebda prova. Il-materja trid tigi nkwadrata u rizolta fil-konkret u mhux fuq mera ipotesijiet. Sufficit li jinghad f'dan ir-rigward illi lanqas tirrizulta xi prova illi wara li rreprendiet ic-cwievet u l-pussess tal-fond, l-attrici effettivament

sfruttatu b'xi mod kummercjali biex tirrikava minnu vantagg ekonomiku in eccess tal-kera ta' fond residenzjali dekontrollat;

Fic-cirkostanzi ghalhekk filwaqt li dina l-Qorti taccetta l-valur lokatizju ghal fond residenzjali stabbilit mill-perit tekniku fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) fis-sena, fl-istess waqt issostni li t-total dovut hu ta' sitt mitt lira (Lm600) u mhux elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1250) komputat mill-istess perit relatur;

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan il-hlas ghandu jsir mill-konvenuta Edwige Grasso peress illi kienet hi li indebitament zammet ghandha c-cwievet tal-fond u naqset li tikkonsenjahom lura lid-Dipartiment koncernat nonostante li giet offruta minnu lok ta' abitazzjoni alternattiv. Din il-prova li saret mix-xhud Noel Borg, rapprezentant tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali, ma gietx kontraddetta minn din il-konvenuta. Effettivament ma ressqet l-ebda prova fil-kors kollu tal-proceduri. Dan nonostante li l-perit tekniku kiteb lill-avukat taghha fl-10 ta' Marzu 1998 u stenna sat-30 ta' Awissu 1999 biex jircievi komunika dwar jekk kienx hemm oggezzjoni li jghaddi biex jestendi r-relazzjoni. Vide paragrafu 21.0 u 21.1 tar-relazzjoni tal-Perit Frederick Doublet.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok filwaqt li tillibera lill-konvenut Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali minn kull htija, tiddikjara lill-konvenuta Edwige Grasso responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici bil-kontinwata okkupazzjoni ta' l-appartament numru erbgha (4) fil-korp ta' bini numru 46, St. Christopher Street, Valletta;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni ghall-istess okkupazzjoni fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u konsegwentement tilqa' t-Tielet Domanda u tikkundanna lill-imsemmija konvenuta thallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni kif premess;

Tirrizerva finalment favur l-attrici kull dritt ta' azzjoni ghal danni ohra lilha spettanti skond il-ligi.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati interament mill-istess konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------